MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2011

Numru. 204/2010

**Il-Pulizija**
**(Spett. Dennis Theuma)**

**vs.**

**Christopher Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Christopher Camilleri ta’ 27 sena, iben Joseph u Mary Carmen nee Borg, imwieled Pieta fil-5 ta’ Gunju 1981, residenti 161, Aylward Court, Flt 3, Telghet Gwardamangia, Pieta, detentur tal-karta ta’ l-identita 277281(m)

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer,  fit-3 ta’ Frar 209 u fix-xhur ta’ qabel:

(a) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

(b) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija, li l-ammont ta’ droga li instab kien wiehed zghir u li l-fedina penali tieghu hija netta. L-avukat difensur spjega lill-Qorti li l-imputat huwa kummercjant u jkolli jsiefer ta’ spiss u ghalhekk ordni ta’ probation m’hix prattika fic-cirkustanzi, pero issuggerixxa piena pekunjarja. Fil-waqt li l-Qorti tapprezza il-lealta tad-difiza, peress li jidher li din kienet okkazzjoni ta’ darba u l-imputat huwa issetiljat kemm minn naha ta’ familja, kif ukoll min-naha ta’ xoghol, fl-opinjoni tal-Qorti ikun idoneu li l-imputat jinghata cans iehor qabel tigi imposta fuqu piena effettiva.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 8(a), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Ai termini ta’ l-Artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti spjegat bi kliem car u semplici lill-imputat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet relatati maghha jigu distrutti taht is-supervizzjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------